**23 ta' Marzu, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Francesca Sciberras pr. et ne.

*versus*

Vincenzo Sciberras

**Alimenti — Mara — Kuratriċi "ad litem" — Inġurji — Art. 782 (a) u 785 tal-Proċedura Ċivili.**

*Għad li skond il-prattika forensi, rikonoxxuta mill-ġurisprudenza, l-omm tista' titlob l-alimenti għat-tfal minuri li jkollha magħha mingħajr in-neċessità li tiġi nominata kuratriċi tagħhom, b'dan kollu ma jistgħax jingħad illi t-talba talmara biex tiġi nominata kuratriċi ta' wliedha hija barra minn lokha; anzi hija regolari u konformi għal-liġi.*

*L-imputazzjonijiet ta' konjuġi kontra l-ieħor jaggravaw ir-responsabbiltà tal-konjuġi li jagħmilhom meta huwa mhux biss jattribwihom lill-konjuġi l-ieħor, imma wkoll jibqa jinsisti fuqhom saħansitra quddiem il-Qorti, u ntant dawk l-imputazzjonijiet jirriżultaw infondati.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi l-konvenut irrenda ruħu responsabbli versu l-attriċi ta' eċċessi, minaċċi u nġurji gravi; illi l-konvenut qiegħed jirrifjuta li l-attriċi tieħu lura l-mobilja u oġġetti oħra li kienet ġiebet magħha fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha mal-konvenut, kif ukoll l-oġġetti ta' lbies tagħha u tal-użu tagħha u tal-imsemmijin uliedha minuri li l-lum qegħdin jgħixu magħha — oġġetti li kienet ħalliet warajha meta kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali, u li jinsabu dettaljatament indikati fl-annessi listi markati "C" u "D"; talbet illi, għar-raġunijiet fuq indikati, (1) tiġi minn din il-Qorti ordnata s-separazzjoni personali tal-kontendenti, billi l-attriċi tkun awtorizzata tgħix separata mill-konvenut, minħabba ħtija tiegħu, u tkun ċessata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, b'dawk is-sanzjonijiet l-oħra kollha kontra l-istess konvenut kontemplati mil-liġi; (2) tiġi assenjata lill-attriċi l-kura u kustodja tal-imsemmijin minuri Maria Assunta, Angiolina u Francesco, aħwa Sciber-

ras, tfal komuni tal-kontendenti; (3) jiġi kundannat iħallas lill-attriċi pensjoni alimentarja għaliha u għall-imsemmijin tfal minuri Maria Assunta, Angiolina, u Francesco Sciberras, fl-ammont, lok u ġurnata li jiġu stabbiliti mill-Qorti; (4) u jiġi kundannat jikkonsenja u jirrestitwixxi lill-attriċi, fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit mill-Qorti, il-mobilja u oġġetti oħra dotali u personali u ta' lbies u użu tagħha u tal-imsemmijin uliedha, li jinsabu dettaljatament indikati fl-annessi listi markati Dok. "C" u Dok. "D", u in difett iħallas il-valur tagħhom. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-proċedura tas-Sekond'Awla u dawk tal-mandati ta' impediment tas-safar tal-persuna u ta' qbid tal-lum, 30 ta' Mejju 1955;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta (1) illi, preliminarment, il-proċedura għan-nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lill-minuri wlied il-kontendenti hija superfluwa u nġustifikata, u l-ispejjeż relattivi għandhom jibqgħu a kariku tal-attriċi; (2) illi, fil-meritu id-domandi tal-attriċi huma nsostenibbli; hija ħalliet iddar konjugali . . . . .;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-preliminari opposta mill-konvenut;

Illi, għad li skond il-prattika forensi, rikonoxxuta mill-ġurisprudenza, l-omm tista' titlob l-alimenti għat-tfal minuri li jkollha magħha mingħajr in-neċessità li tiġi nominata kuratriċi tagħhom (Kollez. XXIX-II-428; XXXVIII-II-418 u 480), b'dan kollu ma jistgħax jingħad illi t-talba tal-attriċi biex tiġi nominata kuratriċi ta' wliedha hija barra minn lokha jew ozjuża; anzi hija regolari u konformi għal-liġi (art. 782(a) u 785 Proċ. Ċiv.). Konsegwentement, l-eċċezzjoni mhix sostenibbli, u qegħdha tiġi respinta; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Illi l-attriċi, qabel xejn u fuq kollox, timputa lill-kon-

venut li huwa jgħajjarha illi hija bidlitu ma' rġiel oħra u jinfamaha man-nies (fol. 6 tergo). F'dan, l-attriċi tinsab korroborata minn diversi xhieda li jgħidu illi hija kienet tilmenta magħhom fuq l-għajra ta' żewġha . . . . . . Del resto, din l-imputazzjoni ma ġietx miċħuda mill-konvenut, li anzi fittex li juri illi l-aġir tiegħu kien ġustifikat; difatti hu attribwixxa fix-xhieda tiegħu . . . . . . ; liema mputazzjonjiet tal-konvenut jaggravaw ir-responsabbiltà tiegħu, billi huwa baqa' jinsisti fuqhom saħansitra quddiem il-Qorti (v. P.A. 11.12.1958 "Farrugia utrinque", u App. 17.4.1959 in re "Falzon utrinque"); mentri l-attriċi, skond diversi xhieda fosthom Carmela Fajjella, oħt il-konvenut (fol. 31 tergo), kienet magħrufa bħala mara sewwa;

Illi l-attriċi timputa lill-konvenut illi huwa kien iheddidha . . . . . .;

Illi l-attriċi timputa lill-konvenut li kien jerfa' idejh fuqha . . . . . . ;

Illi l-attriċi timputa lill-konvenut inġurji gravi, fosthom dik li hu kellu ħbiberija ma' mara u magħha kien jidher anki fil-publiku . . . . . . ;

Illi mill-kumpless tar-riżultanzi proċesswali jidher li l-attriċi għandha raġuni biżżejjed biex titlob is-separazzjoni personali mill-konvenut; u għalhekk l-ewwel talba hi sostnuta;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi, u dan minħabba l-ħtijiet kommessi biss mill-konvenut;

Tilqa' t-tieni talba, b'dan illi l-konvenut ikollu d-dritt li jara u iżomm lit-tliet uliedu taħt il-modalitajiet stabbiliti fid-digriet tat-22 ta' Ġunju 1959;

Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut iħal-

las lill-attriċi pensjoni alimentarja ta' £3.6.6d fil-ġimgħa, jiġifieri £1. 8. 0d għaliha . . . . . .;

Għall-finijiet tal-aħħar talba tinnomina, a spejjeż provviżorjament tal-kontendenti nofs kull wieħed, lill-Avukat Dr. Edgar Mizzi bħala perit legali biex . . . . jirrelata dwar il-fondatezza jew le tal-istess talba . . . . . u jippreżenta r-rapport tiegħu mhux aktar tard mis-27 ta' April 1961; għal liema ġurnata qegħdha tiġi differita l-kawża. Spejjeż riżervati.